



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7275/22

SOC 164
EMPL 105
FIN 338

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	14 ta' Marzu 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6575/1/22 REV 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-qgħad fit-tul (14 ta' Marzu 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-qgħad fit-tul, approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Marzu 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 25/21 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-appoġġ tal-FSE għall-għieda kontra l-qgħad fit-tul

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. **JIEĦU NOTA** tar-Rapport Speċjali dwar l-appoġġ tal-FSE għall-għieda kontra l-qgħad fit-tul (LTU), ippreżentat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA).
2. **IFAKKAR** li kważi 2.7 % tal-forza tax-xogħol¹ tal-Unjoni għadhom qiegħda għal perijodu ta' aktar minn tnax-il xahar, li jammonta għal terz tal-qgħad totali fl-Unjoni.
3. **IFAKKAR** li l-pandemija tal-COVID-19 jista' jkollha impatt detrimental fuq l-għadd u s-sitwazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul.
4. **IFAKKAR** li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (prinċipju 4) jipproklama d-dritt tal-persuni qiegħda fit-tul li jkollhom valutazzjoni individwali fil-fond sa mhux aktar tard minn 18-il xahar ta' qgħad.
5. **IFAKKAR** li n-nuqqas ta' impjieg formali għal perijodu twil iwassal għal telf ta' introjtu għall-persuni kkonċernati u għalhekk isaħħaħ ir-riskju tal-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-problemi tas-saħħa. Il-qgħad fit-tul inaqqas it-tkabbir potenzjali tal-ekonomiji tal-Unjoni u jżid mal-ispejjeż imġarrba mis-servizzi soċjali u l-finanzi pubbliċi.
6. **JIRRIKONOXXI** li l-persuni li jibqgħu barra mill-impjieg għal perijodi itwal jistgħu jiffaċċjaw aktar diffikultajiet biex isibu xogħol minħabba fost l-oħrajn it-tagħwir tal-ħiliet kif ukoll it-telf ta' motivazzjoni u fiduċja. Barra minn hekk, l-impjegaturi jistgħu jsibuha aktar bi tqila li jimpjegaw lil xi ħadd li ma jkunx ħadem għal żmien twil.

¹ EUROSTAT - [Long-term unemployment by sex \(1992-2020\) - quarterly data](#)

7. **IFAKKAR** li, meta jitqiesu s-sitwazzjonijiet u l-ħtiġijiet differenti tal-persuni qiegħda fit-tul, approċċ individwalizzat jista' jgħin biex jiġu indirizzati l-ostakli kemm soċjali kif ukoll professjonali; u **JISSOTTOLINJA** l-importanza li persuni qiegħda fit-tul jiġu pprovduti b'valutazzjonijiet individwali f'waqthom, permezz ta' servizzi tal-impjieg flimkien ma' sħab oħra li jappoġġaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, kif issuġġerit fir-"Rakkomandazzjoni dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol" adottata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-15 ta' Frar 2016².
8. **JIRRIKONOXXI** l-kontribut tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), bħala l-istrument ta' finanzjament ewlieni tal-UE biex tappoġġa l-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol tal-Istati Membri, fl-allokazzjoni ta' kważi EUR 11.4 biljun għall-prijorità ta' investiment "Aċċess għall-impjieg għal persuni li qed ifittxu impjieg u persuni inattivi, inklużi persuni qiegħda fit-tul, u persuni li mhumieq fis-suq tax-xogħol, anke permezz ta' inizjattivi favur l-impjieg lokali u appoġġ għall-mobilità tal-forza tax-xogħol".
9. **IFAKKAR** li l-appoġġ tal-FSE għal prijoritajiet oħra ta' investiment, bħall-"inklużjoni attiva, inkluż bil-ħsieb li jiġu promossi opportunitajiet indaq u parteċipazzjoni attiva, u titjib tal-impjegabbiltà", jikkontribwixxi wkoll għall-ġlieda kontra l-qgħad fit-tul peress li l-persuni qiegħda fit-tul jistgħu jiffaċċjaw diversi ostakli (bħal problemi ta' mobilità, aċċess inadegwat għall-indukrar tat-tfal, responsabbiltajiet ta' indukrar, l-esklużjoni soċjali u problemi tas-saħħa) li jeħtieġ li jiġu indirizzati qabel ma jirritornaw fis-suq tax-xogħol.
10. **JILQA'** l-indikatur komuni tal-output li jkopri l-persuni qiegħda fit-tul fir-Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)³.

² 14361/15

³ ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21–59

JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet konklużivi li jinsabu fir-Rapport Speċjali, li bihom il-Kummissjoni għandha, fil-fehma tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

11. Tinsisti li għall-perijodu ta' programmazzjoni 2021-2027, l-Istati Membri jimmiraw b'mod speċifiku lill-persuni qiegħda fit-tul u l-ħtiġijiet tagħhom permezz tal-FSE+ fejn il-qgħad fit-tul nazzjonali jew reġjonali huwa għoli;
12. Tinsisti li l-Istati Membri japplikaw approċċ individwalizzat għall-persuni kollha qiegħda fit-tul meta jkunu qed jiġu implimentati miżuri ta' "aċċess għall-impjieg" taħt l-FSE+ il-ġdid, billi jqisu l-profil ta' dawk li qed ifittxu impjieg u jagħmlu valutazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom;
13. Tevalwa l-effettività tal-operazzjonijiet ta' "aċċess għall-impjieg" għall-persuni qiegħda fit-tul bħala parti mill-evalwazzjoni ex post għall-perijodu 2014-2020 u l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għall-perijodu 2021-2027.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, f'kooperazzjoni mal-ISTATI MEMBRI, fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Speċjali u b'attenzjoni speċjali għaċ-ċirkostanzi nazzjonali, biex:

14. Iżżid l-isforzi biex tkompli timplimenta strateġija koordinata dwar l-impjieg, permezz tal-promozzjoni ta' forza tax-xogħol b'ħiliet, imħarrġa u adattabbli kif ukoll politiki u għodod li jappoġġaw l-aċċess għall-impjieg speċifikament għal dawk li qed ifittxu impjieg fit-tul, f'konformità mar-"Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol".
15. Issaħħaħ l-isforzi biex timmonitorja u tevalwa, permezz ta' oqfsa xierqa u studji ddedikati, l-effettività tal-operazzjonijiet kollha appoġġati skont l-oġettivi tal-FSE+ li huma relatati mal-promozzjoni tal-inklużjoni attiva, inkluż il-ġlieda kontra l-qgħad fit-tul. Tuża d-data miġbura, diżaggregata skont is-sessi, biex ittejjeb il-miżuri u l-għodod li għandhom l-għan li jiġġieldu l-qgħad fit-tul b'attenzjoni partikolari għas-sitwazzjonijiet differenti li jiffaċċjaw in-nisa u l-irġiel.

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI, bl-appoġġ tal-KUMMISSJONI, fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Speċjali u b'attenzjoni speċjali għaċ-ċirkostanzi nazzjonali, biex:

16. Jieħdu approċċ individwalizzat meta jimplimentaw miżuri ta' attivazzjoni għal persuni qiegħda fit-tul u joffru valutazzjonijiet individwali fil-fond u gwida lil dawk li qed ifittxu impjieg billi jużaw ir-riżorsi kollha disponibbli, inkluż skemi ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet, biex jgħinu fit-tneħħija tal-ostakli soċjali u psikoloġiċi, speċjalment permezz tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, is-servizzi soċjali u s-servizzi tas-saħħa tal-Istati Membri u bl-involviment tas-sħab soċjali, kif issuġġerit fir-“Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol”.
17. Ihegħu l-implimentazzjoni ta' skemi u proġetti ddedikati għall-promozzjoni tal-inklużjoni attiva, inkluż għall-persuni qiegħda fit-tul, u jiffavorixxu kemm jista' jkun esperjenzi f'sitwazzjonijiet relatati max-xogħol, f'konformità mal-oġettivi, il-prijoritajiet u l-konċentrazzjonijiet tematiċi rilevanti tal-FSE+.